31980D0045



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## ta' l-15 ta' Jannar 1980
## li tistipula d-dispożizzjonijiet dwar l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' regolamenti tekniċi u standards

(80/45/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113 miġjub fih,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi, bid-Deċiżjoni ta' l-10 ta' Diċembru 1979 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim multilaterali li jirriżultaw min-negozjati tal-kummerċ ta' l-1973 sa l-1979, il-Kunsill approva, f'isem il-Komunità Ewropea Ekonomika, l-Ftehim dwar il-barrieri tekniċi tal-kummerċ, minn issa' l quddiem riferut bħala "il-Ftehim";

Billi, minħabba d-drittijiet u l-obbligi internazzjonali li l-Komunità kkuntrattat fl-aċċettazzjoni ta' dak il-Ftehim, regolamenti tekniċi u standards u l-metodi tal-verifika relatata għandhom ikunu applikati għall-prodotti kollha ikun xi jkun l-oriġini tagħhom, wara li tkun ikkunsidrata l-applikazzjoni tal-Ftehim mill-Partijiet Kontraenti li tiżgura r-reċiproċità u l-vantaġġi għal xulxin;

Billi proċedura għandha titniżżel biex teżamina jekk it-tali reċiproċità teżistix u biex tippermetti miżuri xierqa li jittieħdu;

Billi konsiderazzjoni għandha tingħata jekk u sa liema punt konformità mar-regolamenti tekniċi u l-istandards tal-Komunità jew nazzjonali jistgħu jkunu stabbiliti fuq il-bażi tar-riżultati, iċ-ċertifikati jew il-marki maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi terzi u fi Stati Membri; billi jekk, fil-każijiet fejn id-Direttivi għadhom ma ġewx adottati, Stat Membru jipproponi li jirrikonoxxi l-kontrolli mwettqa f'pajjiż terz, għandu jinforma hekk lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra u jagħti r-raġunijiet tiegħu;

Billi, sa fl-aħħar, il-miżuri mniżżla f'din id-Deċiżjoni huma tajbin biex jiżguraw li l-obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet fuq imsemmija jitħarsu; billi huma jiffaċilitaw il-kisba tal-kompiti tal-Komunità,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

IT-TITOLU I

## Prinċipji

*Artikolu 1*

1. Ir-regolamenti tekniċi, l-i *standards* u l-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni u tal-verifika mniżżla fid-Direttivi għat-tneħħija tal-barrieri tekniċi tal-kummerċ ġewwa l-Komunità għandhom japplikaw, taħt xi kondizzjonijiet speċjali li jistgħu jitniżżlu f'dawk id-Direttivi, għall-prodotti kollha fuq is-suq tal-Komunità ikun xi jkun l-oriġini tagħhom, għajr kif provdut mod ieħor fit-Titolu III.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni kollha xierqa fil-poter tagħhom biex jiżguraw li r-regolamenti tekniċi, l-i *standards* u l-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni u tal-verifika li mhumiex armonizzati fuq livell tal-Komunità, iżda huma applikati f'dawn l-Istati Membri u mħejjija mill-awtoritajiet uffiċjali jew korpi mhux governattivi, huma applikati taħt kull kondizzjoni speċjali li tista' titniżżel fit-test nazzjonali tal-prodotti kollha fuq is-suq in kwistjoni, tkun xi tkun l-oriġini tagħhom, għajr jekk provdut mod ieħor fit-Titolu III.

IT-TITOLU II

## Rikonoxximent tal-kontrolli mwettqa fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz

*Artikolu 2*

1. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw fejn il-prodotti jew ċerta aspetti tal-prodotti għadhom ma ġewx armonizzati fuq livell tal-Komunità:

(a) jekk Stat Membru jipproponi li jaqbel li l-konformità mar-regolamenti tekniċi u l-istandards nazzjonali tiegħu jkunu stabbiliti fuq il-bażi ta' l-eżamijiet, iċ-ċertifikati jew il-marki maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz taħt il-proċeduri tiegħu, għandu jinforma dan lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra, u jagħti ir-raġunijiet tiegħu;

(b) rigward ir-rikonoxximent reċiproku tal-kontrolli mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha titlob informazzjoni mill-Istati Membri dwar il-possibiltà biex tippermetti l-konformità mar-regolamenti tekniċi u l-istandards nazzjonali li jkunu stabbiliti fuq il-bażi tr-riżultati ta' l-eżami, iċ-ċertifikati jew il-marki maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra.

2. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw meta d-Direttivi diġà huma adottati jew proposti:

(a) il-Kummissjoni għandha teżamina sa liema punt hija kapaċi tipproponi emendi għad-Direttivi diġa' adottati sabiex tippermetti l-konformità ma' dawk id-Direttivi li għandhom ikunu stabbiliti fuq il-bażi tar-riżultati tal-kontrolli, iċ-ċertifikati jew il-marki tal-konformità maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi;

(b) meta tipprepara proposti ġodda għad-Direttivi, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra sa liema punt it-tali proposti jistgħu jippermettu l-konformità ma' dawk id-Direttivi li għandhom ikunu stabbiliti fuq il-bażi tar-riżultati ta' l-eżami, iċ-ċertifikati jew il-marki riferuti f'(a).

IT-TITOLU III

## Azzjoni f'każ ta' nuqqas ta' reċiproċità

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jinformaw il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra kull meta jikkunsidraw li vantaġġ li direttament jew indirettament jirriżulta mill-Ftehim sar null jew tħassar jew li jintlaħaq wieħed mill-għanijiet tal-Ftehim tħassar minn wieħed jew aktar mill-Partijiet l-oħra tiegħu, li l-interessi kummerċjali tagħhom huma affettwati sinifikament u li r-reċiproċità bejn il-konċessjonijiet magħmula mill-Komunità u dawk verament applikati mill-Parti jew l-Partijiet l-oħra kienu bħala konsegwenza saru null jew tħassru.

2. Informazzjoni riċevuta mill-Kummissjoni għandha tkun trasmessa wkoll lill-Istati Membri.

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni għandha, fi żmien 10 ġranet ta' xogħol mid-data ta' meta l-informazzjoni hija trasmessa lill-Istati Membri, tlaqqa' l-Kumitat ipprovdut fl-Artikolu 8 sabiex teżamina l-kwistjoni.

*Artikolu 5*

1. Jekk id-Direttivi tal-Komunità dwar l-affari in kwistjoni diġa' ġew adottati, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta skond l-Artikolu 4 lill-Kumitat ipprovdut fl-Artikolu 8, tiddeċiedi x'miżuri xierqa għandhom jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

2. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika minufih lill-Kunsill u l-Istati Membri bid-deċiżjoni tagħha, li għandha tidħol fis-seħħ wara perjodu ta' 10 ġranet ta' xogħol sakemm Stat Membru ma jġibx il-kwistjoni quddiem il-Kunsill matul dak il-perjodu. Fuq it-talba ta' Stat Membru magħmula fi żmien l-imsemmi perjodu ta' 10 ġranet ta' xogħol, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikatà, jista' jikkonferma, jemenda jew iħassar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tkun applikabbli wara perjodu ta' 60 ġurnata mid-data ta' meta l-kwistjoni hija riferuta lill-Kunsill jekk ta' l-aħħar ma jkunx aġixxa matul dak il-perjodu.

3. Matul il-perjodu tal-validità tal-miżuri meħuda skond il-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha regolarment tikkonsulta l-Kumitat ipprovdut fl-Artikolu 8 dwar l-implimentazzjoni effettiva ta' dawk il-miżuri u l-effetti tagħhom. Jekk, fuq il-bażi ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-deċiżjoni tagħha għandha tkun emendata jew imħassra, għandha tieħu deċiżjoni għal dak l-effett skond il-proċedura mniżżla fil-paragrafi 1 u 2.

4. Stat Membru jista' jieħu miżuri provvisorji sat-tali żmien li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni kond il-paragrafu 1. Il-miżuri meħuda mill-Kummissjoni għandhom japplikaw hekk kif jiskadi l-perjodu ta' 10 ġranet ta' xogħol jekk l-ebda Stat Membru ma rrefera l-kwistjoni lill-Kunsill. Jekk Stat Membru jirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill matul dan il-perjodu ta' 10 ġranet ta' xogħol, il-miżuri nazzjonali provvisorji għandhom ikomplu japplikaw u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tkun sospiża sakemm il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikatà, jieħu d-deċiżjoni tiegħu. Il-miżura(i) nazzjonali provvisorja għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-Kunsill jieħu d-deċiżjoni tiegħu.

*Artikolu 6*

1. Jekk id-Direttivi tal-Komunità relatati ma' l-affari in kwistjoni għadha ma ġietx adottata, l-Istat Membru jew l-Istati Membri li ttrasmettew l-informazzjoni riferuta fl-Artikolu 3(1) jistgħu jieħdu l-miżuri xierqa. L-Istati Membri għandhom jinformaw dan lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

2. Jekk numru ta' Stati Membri jieħdu miżuri huma għandhom ifittxu li jikkordinawhom.

3. Konsultazzjonijiet jistgħu jsiru fil-Kumitat ipprovdut fl-Artikolu 8 fuq it-talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni.

*Artikolu 7*

Wara li kkonsultat il-Kumitat ipprovdut fl-Artikolu 8, il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjonijiet jew tagħmel proposti xierqa għall-modifika tal-miżuri meħuda skond l-Artikolu 5 jew 6, wara li tikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat dwar il-Barrieri Tekniċi għall-Kummerċ ipprovduti fl-Artikolu 13 tal-Ftehim.

IT-TITOLU IV

**Dispożizzjonijiet finali**

*Artikolu 8*

1. Kumitat dwar l-Implimentazzjoni fuq Livell tal-Komunità tal-Ftehim dwar il-Barrieri Tekniċi tal-Kummerċ magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri taħt it-tmexxija ta' rappreżentant tal-Kummissjoni huwa hawnhekk stabbilit.

2. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

3. Il-kwistjonijiet għandhom ikunu riferuti lill-Kummissjoni mill-president, jew fuq l-inizzjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

4. Fil-każijiet fejn il-Kumitat huwa mitlub li jagħti opinjoni, għandu jagħmel hekk b'maġġoranza kwalifikata.

*Artikolu 9*

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Jannar 1980.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. ZAMBERLETTI